MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 346/2008

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**C *sive* C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet sseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku datat 6 ta’ Frar 2003 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono; li klawzola 4 (ii) ta’ l-istess kuntratt tipprovdi ghall-manteniment ta’ l-attrici mill-konvenut ta’ 40% mill-pensjoni tas-servizz dovuta lill-istess konvenut mill-Gvern u ta’ 25% tal-*gratuity* li l-konvenut jircievi meta jintemm ix-xoghol; li fi klawzola 4 (i) tal-kuntratt ta’ separazzjoni l-konvenut obbliga ruhhu li jhallas lill-attrici Lm225 fix-xahar bhala manteniment u dan jizdied b’50% taz-zidiet ta’ l-

gholi tal-hajja; li l-konvenut minn barra il-pensjoni tas-servizz qieghed ukoll jircievi pensjoni mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali ghall-invalidita` u dina qieghed izomma ghalih; il-konvenut qieghed jircievi wkoll *bonus* tal-Gvern u z-zieda ta’ l-gholi tal-hajja; li minn barra dan, meta l-konvenut jaghlaq 61 sena huwa ser ikun eligibbli ghal pensjoni ohra ta’ l-irtirar; li l-konvenut ma hallasx lill-attrici z-zidiet fil-manteniment skond l-gholi tal-hajja skond il-kuntratt sucitat; li ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li l-attrici, minbarra kull hlas li diga` qed tircievi bis-sahha tal-kuntratt fuq imsemmi, hija intitolata wkoll nofs il-pensjoni ta’ invalidita` li qieghed jircievi l-konvenut minghand id-Direttur tas-Sigurta` Socjali u kif ukoll nofs il-*bonuses* u zieda ta’ l-gholi tal-hajja in konnessjoni ma’ l-imsemmija pensjonijiet; u [2] tiddikjara wkoll li l-istess attrici hija intitolata li tircievi nofs kwalunkwe pensjoni ta’ irtirar li jista’ jircievi l-konvenut m’gheluq il-wiehed u sittin sena tieghu, flimkien ma’ nofs iz-zidiet kollha ta’ l-gholi tal-hajja u *bonuses* u hlasijiet ta’ kwalunkwe xorta li jmorru mal-istess pensjoni; u [3] tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs il-pensjoni ta’ l-invalidita` li attwalment qieghed jircievi id-Direttur tas-Sigurta` Socjali, flimkien ma’ nofs il-*bonus*, u z-zieda ta’ l-gholi tal-hajja u hlasijiet ohra li jmorru ma’ din il-pensjoni; u [4] tikkundanna inoltre lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici nofs il-hlasijiet kollha li rcieva sa issa in konnessjoni mal-pensjoni tal-invalidita` fuq imsemmija *bonuses*, u kif ukoll zidiet tal-gholi tal-hajja li rcieva s’issa, u dan wara li jigu likwidati l-ammonti hekk dovuti occorrendo bl-ghajnuna ta’ perit nominandi; [5] tordna li kopja tas-sentenza finali tigi notifikata lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali biex ikun jista’ jaffetwa l-hlasijiet kollha opportuni lill-attrici fit-termini ta’ dak li jigi deciz fis-sentenza finali; bl-imghax legali u bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa li; [1] hemm qbil dwar li l-partijiet sseparaw fis-6 ta’ Frar 2003 permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Debono; [2] li fi klawsola 4 gie rregolat il-manteniment li l-konvenut ghandu jivversa lill-attrici u cjoe la darba l-konvenut itemm l-impieg tieghu huwa jhallas lill-attrici 40% mill-pensjoni tas-servizz u 25% tal-*gratuity* li jircievi; [3] il-konvenut

zamm ma’ dawn it-termini; [4] il-kuntratt ma jipprovdiex hlas ta’ pensjoni barra dik tas-servizz; [5] li l-attrici qeghda titlob revizjoni tal-manteniment; [6] li *pacta sunt servanda* l-attrici ma tistax tirrevedi stipulazzjoni f’kuntratt li hija stess accettat peress li l-kuntratt ma jikkontemplax dritt ta’ revizjoni tal-manteniment hlief ghal cirkostanzi definiti fil-kuntratt ta’ separazzjoni liema cirkostanzi ma gewx premessi mill-attrici u anqas ivverifikaw ruhhom; [7] li fl-ahhar paragrafu tal-kuntratt il-partijiet iddikjaraw li m’ghandhom ebda pretenzjoni ulterjuri kontra xulxin jaghatu kwittanza l-aktar ampja, definittiva u generali; [8] kemm-il darba l-Qorti tilqa’ t-talba ta’ l-attrici dan ghandu jsir mid-data tas-sentenza u mhux retroattivament; [9] li t-talbiet attrici huma nfondati;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits u d-dokumenti pprezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsiderat:**

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici il-pensjoni ta’ invalidita` flimkien mal-*bonuses* u zieda fl-gholi tal-hajja konnessi mal-imsemmija pensjoni li hu qieghed jircievi; kif ukoll nofs dak li huwa diga` rcieva; ukoll li l-attrici hija intitolata tircievi nofs kwalunkwe pensjoni ta’ l-irtirar li jista’ jircievi l-konvenut meta jaghalaq il-61 sena;

**Il-Fatti**

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, datat 6 ta’ Frar 2003, fejn fil-klawsola numru erba’ [4] il-partijiet irregolaw il-manteniment bejniethom.

L-attrici ssostni li hija <u>qatt ma rrinunzjat</u> ghall-pensjoni ta’ l-invalidita` u l-pensjoni ta’ l-irtirar; u li din il-pensjoni ma kienitx giet diskussa ghal finijiet tal-kuntratt. Tghid, li “ma ttrattajna fuq l-ebda pensjoni ohra”. Tghid ukoll li wara hafna diskussjonijiet hija ddecidiet li ccedilu kollox u

zammet biss dak li kien taghha peress li haditu maghha meta l-partijiet izzewgu. L-attrici thoss li hija kellha dritt ghal 50% u mhux l-40% mill-pensjoni tat-tezor u li 25% tal-*gratuity* huwa persentagg zghir izda accetat li ccedi minhabba l-fatt li kieku altrimenti ma kienx ser jintlahaq ftehim. L-attrici tikkonferma li "veru li jien iffirmajt li m'ghandhiex pretensjonijiet ulterjuri kontra zewgi pero' dan kien fl-2003".

Il-konvenut jghid li t-trattativi sabiex jigi konkluz il-kuntratt kienu damu ghaddejjin sitt [6] snin; u dan kien dovut ghall-puntiliozita` ta' l-attrici. Id-dizgwid primarju kien proprju dak dwar il-manteniment.

Huwa jispjega li, waqt dawn id-diskussjonijiet kien gie trattat il-punt dwar dak li kellu jigri meta l-konvenut jieqaf jahdem u johrog bil-pensjoni, u ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar dan il-punt, bir-rizultat li l-partijiet waslu ghall-ftehim kontenut fil-klawzola numru [4] tal-kuntratt. Il-konvenut spjega wkoll li l-pensjoni ta' l-invalidita` hadha konsegwenza ta' kundizzjoni ta' sahha li nqalet fis-sena 2006.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti tosserva li l-partijiet damu fit-trattattivi ghal tul ta' zmien konsiderevoli, u ghalhekk kien hemm zmien bizzejjed u kellhom l-opportunita' sufficjenti sabiex jesploraw il-possibilitajiet kollha, u jsiru trattativi varji.

Illi klawzola 4 tal-kuntratt, fejn il-partijiet qablu dwar il-manteniment, giet redatta b'mod dettaljat u specifiku; u l-Qorti tosserva li, hekk kif il-partijiet specifikaw liema pensjoni kienu qablu fuqha, u cioe' dik tas-servizzi, u l-*gratuity*, hekk ukoll setghu jaghmlu dwar pensjonijiet jew eventwalitajiet ohra. Izda l-partjiet ghazlu li dan ma jaghmluhx.

Jigi osservat li, filwaqt li l-avukat li kien qed jassisti lill-attrici f' dak iz-zmien jghid li hu dejjem kellu l-impressjoni li l-percentagg ta' 40% dovut lill-attrici skont il-kuntratt kien "fuq <u>il-pensjoni li kien ser ikollu s-sur B</u>" [fol.86], <u>l-attrici</u> minn naha taghha tghid li "[d]war il-pensjoni konna

rreferejna ghall-pensjoni tas-servizz. Ma trattajna l-ebda pensjoni ohra" [Fol.31] u fl-affidavit taghha tghid li l-pensjoni ta' l-irtirar "qatt ma rrinunzjajt ghaliha, u ma ttrattajnhiex, kif jidher fil-kuntratt......Il-*contributions* ghal din il-pensjoni hallashom [il-konvenut] kemm dommna mizzewwgin, hallashom ta' ragel mizzewweg, u mhux ta' single, u ghaldaqstant jiena nsostni li ghandi dritt ghal 50% minnha." [Fol.19]

Illi, li kieku l-qorti kellha quddiemha biss il-verzjoni tal-avukat ta' l-attrici, fis-sens li kien hemm malintiz fuq dan il-punt fiz-zmien tal-kontrattazzjoni, li kieku din il-Qorti kienet tikkunsidera l-possibbilita' li tali malintiz bejn il-kontraenti seta' jaghti lok ghall-ezami jekk dak li ffirmaw fuqu l-partijiet kienx suggett mill-fuzjoni taz-zewg kunsens; izda l-verzjoni tal-fatti <u>kif moghtija mill-attrici</u> ma thallix dubju li dina kienet taf ezattament fuq x'hiex kienet qed tikkuntratta, u cioe' fuq il-pensjoni tas-servizz, u hi stess tghid li l-pensjoni ta' l-irtirar hallietha barra mill-ftehim, ghax dwar din il-pensjoni hija tippretendi li ghandha bi dritt 50% minnha.

Izda ghal din il-pretensjoni attrici josta l-principju fundamentali f' materja ta' kuntratti ta' *pacta sunt servanda*. Fl-ahhar tal-kuntratt huma ghalqu kull suggett iehor ta' diskussjoni bil-klawsola li taqra testwalment hekk: "[s]alv il-premess il-partijiet iddikjaraw illi m'ghandhom ebda pretensjoni ulterjuri kontra xulxin, u jaghtu <u>kwittanza l-aktar ampja, defenittiva u generali</u>." [Fol.8 – sottolinear tal-Qorti]. B' hekk il-partijiet ghalqu l-bieb ghal pretensjonijiet u diskussjonijiet ulterjuri. Din il-klawsola timmilita fatalament kontra dak li l-attrici stqarret fl-affidavit taghha li "il-pensjoni tal-invalidita' u dik tal-61 sena qatt ma rrinunzjajt ghaliha.."[Fol.19].

Illi noltre l-Qorti taqbel mal-osservazzjoni maghmula mill-konvenut fin-nota tieghu, fis-sens li l-pensjoni ta' l-irtirar, u allura anke l-pensjoni relatata ta' l-invalidita', huma fatturi li l-attrici kienet taf bihom meta kien qed jigi redatt il-kuntratt.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici m'humiex gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad t-talbiet attrici mill- wiehed [1] sa l-erbgha [4] filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ahhar talba cioe' numru hamsa [5].

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------